# IZRA' BISS IT-TAJJEB

Mara kienet tahmi l-hobz ghall-familja taghha u kienet taghmel wahda zejda biex thalliha fuq it-tieqa ghal xi vjaggatur bil-guh li kien jghaddi minn dawk l-inhawi. U kuljum wiehed hotbi kien jghaddi minn quddiem darha u jiehu dik il-hobza. Minflok ma kien irodd il-hajr kien jghid b'lehen li l-mara tisimghu minn gewwa dawn il-kelmiet: " Il-hazin li taghmel jibqa' jigri warajk; it-tajjeb li taghmel  jigi lura ghandek."



Din il-haga, l-hotbi kien jaghmilha kuljum hekk li l-mara hassitha rritata. "Anqas kelma ta' gratitudni," gergret f'qalbha. "Issa dejjaqni u

nara x'naghmel biex nehles minnu." U f'mohha gieha l-hsieb li titfa' ftit velenu. U hekk ghamlet.

Izda meta giet biex tpoggieha fuq it-tieqa nidmet mill-hazen li kienet ser twettaq u ghamlet wahda tajba u bhas soltu hallietha fuq il-hogor tat-tieqa. Il-hotbi gie, ha l-hobza u tenna l-istess kliem: "Il-hazin li taghmel jibqa' jigri warajk; it-tajjeb li taghmel jigi lura ghandek."

Il-mara baqghet taghmel l-istess opra tajba. Kuljum din l-omm kienet titlob biex binha li mar ifittex il-fortuna tieghu f'pajjiz 'l boghod jigri lura qawwi u shih. Kienet ilha ma tarah u qatt ma semghet b'ahbaru.

Lejla wahda, qabel ma nizlet ghal kollox ix-xemx, bla ma kienet tistenna, tisma' tahbita fuq il-bieb u tara ma' wiccha lil binha. Kien niexef ghuda u bil-guh, b'ilbiesu mqatta. Hekk kif ra lil ommu wara li sellmu lil xulxin qalilha: "Ma, qieghed hawn b'miraklu ghax fit-triq tant kelli guh li waqajt fl-art bla sahha. Dak il-hin inzerta ghaddej wiehed hotbi tlabtu jaghtini mqar loqma hobz u tani hobza. Qalli li jiena kont aktar fil-bzonn minnu."

Hekk kif l-omm semghet dan, kien kwazi ta' hass hazin u kellha tistrieh mal-bieb biex ma taqghax. Ftakret li dak in-nhar filghodu kienet hmiet il-hobz ivvenelat. Li kieku ma ratx il-hazen li kienet ser taghmel u irmiet il-hobza fin-nar, binha kien imut."

Kien hawn li fehmet it-tifsira ta' dak il-kliem: "Il-hazin li taghmel jibqa' jigri warajk; it-tajjeb li taghmel jigi lura ghandek."

*Aghmel it-tajjeb u biss it-tajjeb, anke jekk dan ma hux apprezzat dak il-mument. Hares lejn il-persuna ta' Kristu. Dan mhux tajjeb ghamel matul il-hajja tieghu? Izda xi whud hallsuh bid-deni. Taqtax qalbek jekk xi uhud jaghmlulek l-istess. Kristu ghandu jkun il-mudell tieghek u*

*tieghi. It-tajjeb dejjem jibqa' tajjeb u fl-ahhar mill-ahhar huwa t-tajjeb li jirbah.*

*Ftakar li dak li tizra' tahsad. Min jizra' rih jahsad riefnu, jghid il-Malti, jigifieri min ixxerred il-hazen, dieqa u nuqqas ta' paci ser isib ma' wiccu. Imma min jaghmel it-tajjeb zgur jahsad il-gid forsi mhux il-lum izda jkun ghada, forsi mhux hu jarah izda jkun haddiehor li jgawdih. X'jimporta.....inti qaddej ta' Kristu u ghamilt dak li kellek taghmel.*